MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 104/2002

**Numru**

**Avviz. Numru 104/2002(G) JR**

**George Attard u ghall kwalunkwe interess li jista' jkollha martu Antonia Attard**

**vs**

**Mary Jane mart George Portelli**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Settembru, 2002 fejn intqal**

**illi:**

**Peress illi fis-7 ta' Mejju, 2002 l-attur waqt li kien isuq vettura ABE-784 tat-tip Mitsubishi L200, propjeta' tieghu matul Triq Ghajn Mhellel, Zebbug, Ghawdex, huwa safa nvestit mill-konvenuta li kienet qed issuq vettura IAJ-208 tat-tip Ford Escort li bi traskuragni grossa, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u minghajr ma esplorat tajjeb it-triq principali cioe' Triq Ghajn Mhellel, harget minn Triq Zaki, li hija triq sekondarja u nvestiet il-vettura fuq in-naha tal-lemin taghha, kif jidher fil-iskizz u okkorrenza, anness mal-avviz u markati Dokumenti A u B, b'rizultat li kkagunat l-incident awtomobilistiku fuq imsemmi li ghalih hija unikment responsabli.**

**Talbet lit-Tribunal:**

**Li jiddikjara li hija unikament responsabli ghall-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemm;**
**Li jigu likwidat d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' sitt mija u tmenin lira u erbgha u hamsin centenzmu (Lm680.54) skond id-Dok. C; D u E annessi;**
**Illi l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma fuq imsemmija ta' sitt mija u tmenin lira u erbgha u hamsin centenzmu (Lm680.54).**

**Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri bonarji tas-6 ta' Gunju, 2002 u tad-29 ta' Awissu, 2002 u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni. Bl-imghaxijiet skond il-ligi.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenuta fit-3 ta' Ottubru, 2002 fejn intqal liii dak li talbu l-atturi ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghhom ghax ghall-incident stradali "de quo" ma kienetx tahti l-eccipjenti. B'riserva ghad-danni tal-eccipejnti.**

**Ra s-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal diversament presedut fl-4 ta' Ottubru, 2002, liema decizjoni giet revokata mill-Qorti tal-appell fl-14 ta' Lulju, 2004.**

**Semgha x-xhieda ta' PS1040 John Grima, George Attard u Mary Jane Portelli. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda koilizjoni ii sehhet fis-7 ta' Mejju, 2002 fi Triq Ghajn Mhelhel, Zebbug, Ghawdex bejn il-vettura numru ABE-784 misjuqa mill-attur u 1-vettura numru IAJ-208 misjuqa mill-konvenuta.**
**2. Il-punt ta' kontestazzjoni huwa li l-attur kien ghaddej minn triq principali meta l-konvenuta harget minn triuq sekondaraja.**
**3. Kif ritenut fii-kawza l-Pulizija vs Anthony Galea VoLXXXVII. P.IV p.1137, minn hiereg minn *side road***

**ghandu jara u jassigura ruhu li jaghmel t-tali manuvra minghajr ma jkun ta' perikolu ghat-traffiku ghaddej fit-triq pirncipali.**

**4. Mid-dikjarazzjonijiet maghmula lis-Surgent a tempo vergine, l-attur stqarr li l-konvenuta harget f'daqqa wahda min-naha tal-lemin tieghu. Il-konvenuta tghid ii waqfet u meta rat li ma kien gej hadd, imxietil-quddiem meta l-attur li kien gej minn naha tax-xellug taghha mess maghha.**

**5. L-attur jghid li kien ghaddej bil-mod mit-triq principali. Fit-triq mill-liema harget il-konvenuta dak iz-zmien ma kienx hemm stop sign, pero' ilium hemm. Il-vann tal-attur intlaqat fuq il-bieba, u il-pilastru in-naha tal-lemin.**

**6. Il-konvenuta tghid li biex tara jekk hux gej xi haga trid necessarjament tisporgi xi ftit. Hi spjegat ukoli ii qabi ma kienx hemm mera fil-lok tal-incident. Il-konvenuta taqbel li l-attur kien ghaddej mit-triq principali.**

**7. It-Tribunal ra r-ritratti li juru l-lok fejn sehh l-incident. Ma hemmx dubbju li wiehed irid johrog b'certa kawtela specjalment in vista tal-fatt li wiehed necessarjament irid johrog biex jara humiex gejjin vetturi. Tant hu hekk li llum hemm mera f'dak il-post u stop sign, Dok. GA3.**

**8. Jirrizulta li l-konvenuta kienet taf ben tajjeb li hierga ghall go triq principali, u ghalhekk kien jinkombi fuqa li tuza l-massima prudenza.**

**9. Id-daqqa fil-vettura tal-attur. kif muri fir-ritratt Dok. GA1, turi li meta dan intlaqat hu kien ghaddej u l-konvenuta harget ghall-go fih. Ghandhu jinghad li l-karrozzi a differenza miz-zwiemel, ma jimxux la genba, u ma hux sostenibbli dak li qed tallega il-konvenuta li l-vettura tal-attur resqet ghal fuqha, ghaliex id-daqqa ma kienet tkun kif fil fatt hi, proprju fil-pilastru u l-bieba.**

**10. Ghalhekk il-konvenuta ghandha tigi ritenuta unikament responsabbhi ghall-incident hi sehh.**

**11. Id-danni subiti kienu s-segwenti: a. mitejn u tmienja u disghin lira Maltija u erba' centezmi (Lm298.04) parts, tlett mija u disgha u sebghin lira**

**Maltija u hamsin centezmu (Lm379.50) ghall labour u spray u tlett liri (Lm3) ghar-rapport tal-pulizija.**
**12. Dawn igibu total ta' sitt mija u tmenin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu, li qed jigu likwidati bhala Danni li sofra l-attur.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li jsib lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh, u fil-waqt li jillikwida d-danni sofferti fi-ammont ta' sitt mija U tmenin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm680.54), jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur l-imsemmija somma ta' sitt mija u tmenin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm680.54), bl-imghax legali dekoribbli mill-lum.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, komprizi dwak taz-zewg ittri bonarji tas-6 ta' Gunju, 2002 u tad-29 ta' Awissu, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------